# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com*
*Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin*

Novembru 2020 — Ħarġa Nru 7

**Kumitat 2020**

**President**
Adrian Schinas

**Viċi-President**
Valent Xuereb

**Segretarju**
Nardu Agius

**Asst. Segretarju u PRO**
Norbert Gingell

**Teżorier**
Godfrey Mangion

**Assistent Teżorier**
Angele Xuereb

**Attivitajiet li l-Kumitat qed jaħdem u jippjana għax xhur li ġejjin** (*jistgħu jinbiddlu skont iċ-ċirkostanzi:*)

- POSPOSTI

**Inħeġġu lill-Membri u ħbieb biex iżuru wkoll is-sit www.kappellimaltin.com għal aktar informazzjoni fid-dettal dwar il-kappelli u informazzjoni relatata**

## EDITORJAL

Għeżież Membri u Ħbieb,

Għal darb'oħra qed nerġgħu niltaqgħu, għalkemm mhux fiżikament, permezz ta' dan il-fuljett elettroniku. Almenu qed nibqgħu maqgħudin u attivi frott ta' din il-ħidma.

F'din il-ħarġa ser inkomplu nżuru kappelli li nsibu fil-Forti Sant'Iermu u Forti Sant'Anġlu. Nispera li qed issibuhom ta' interess.

Ninkoraġġukom li tibżgħu għal saħħitkom f'dan il-perjodu mqalleb u ta' inċertezza.

*N. Gingell*
*Għal Kumitat*

## IL-KAPPELLI FIL-FORTI SANT' IERMU, BELT VALLETTA

Il-Forti Sant'Iermu nbena fl-1552 bħala rejazzjoni diretta tal-ħbit tal-korsari Torok fis-sena ta' qabel. Kien iddisinnjat biex jikkontrolla iż-żewg daħliet: dik tal-Port il-Kbir u dik ta' Marsamxett. Tant kienet kbira l-urġenza, li nbena f'inqas minn sitt xhur. Maż-żmien imma, minħabba din l-għaġġla żejda, ħarġu difetti serji li kemm fid-disinn kif ukoll l-għażla tal-lokalità, għax kien jinsab fil-baxx meta l-Għolja Xiberras kienet ogħla minnu. B'hekk maż-żmien sar sforz konsiderevoli sabiex jiġu rimedjati xi difetti.

Fl-Assedju tal-1565 il-forti kien il-mira prinċipali tal-forzi Torok. Ġarrab ħsarat kbar, imma r-reżistenza fit-tul tiegħu kienet il-punt kardinali u kruċjali fit-telfa tat-Torok. Wara l-1565 il-forti ġie mibni mill-ġdid meta inbniet il-Belt il-ġdida.

L-Ingliżi għarfu l-importanza ta' dan il-forti għas-sigurta tal-portijiet u żammewh bħala post strateġiku. Wara t-tluq minn Malta ta' l-Ingliżi għamel żmien mitluq imma fl-aħħar 20 sena saritlu restawrazzjoni professjonali.

Fis-sit tal-forti insibu żewġ binjiet religjużi. Il-kappella l-antika li kienet ilha teżisti sa mil-1488, saħansitra qabel ma nbena l-forti. Kienet ġiet inkorporata mad-daħla tal-forti ħdejn il-'Porta del Soccorso', hekk kif kien magħruf. Ċertu sorsi jgħidu li qabel ma' nbiet il-Belt Valletta, il-kappella kienet iddedikata li Sant'Iermu. F'nofs is-seklu 16 kienet ġiet iddedikata lil Sant' Anna. Il-kappella, għalkemm ta' daqs modest, kienet imsebbħa b'lavur tal-ġebel li huwa smat li kien ġie maħdum u skolpit fis-seklu sbatax.

F'dan il-kumpless militari fortifikat insibu kappella oħra, dik mibnija minn Mondion fis-sena 1727 u li tinsab fil-pjazza tal-forti. Għandha faċċata fi stil Barokk u hi ukoll iddedikata lil Sant' Anna. Fi żmien li kienet f'idejn l-Inglizi, din il-kappella ġiet iddekonsagrata u minn ġewwa inbidlet għal kollox. Għalkemm sar meta sar ir- restawr tal -forti din il-kappella ġiet restawrata wkoll, din xorta waħda għadha sallum isservi bħala maħżen sabiex jitpoġġew il-materjal li jintuża mill-parteċipanti ta' '*In Guardia*'.

***Ritratti tal-kappelli fil-paġna ta' wara.***

*Informazzjoni: 'The Fortifications of Malta', Dr S C Spiteri, BDL Publishing, u L-Inventarju Nazzjonali tal-Propjeta Kulturali fil-Gzejjer Maltin miġbur mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali*

*Ritratti: Dr S C Spiteri, N Gingell, u Internet*

## IL-KAPPELLA TA' SANT' ANNA, L-ORIĠINALI, FORTI SANT' IELMU

Id-daħla





L-altar maġġur



Perspettiva minn ġewwa



Perspettiva quddiem

Is-saqaf



## IL-KAPPELLA TA' SANT' ANNA, TA' MONDION, FORTI SANT' IELMU



Il-faċċata qabel ir-restawrazzjoni

Id-data 1729 imnaqqxa fuq it-tieqa





Il-parti ta' wara qabel ir-restawrazzjoni



Preżentament użata bħala maħżen għal materjal użat fl-*In Guardia*



restawrata

*erali*

## IL-KAPPELLA TAT-TWELID TAL-MADONNA (MAGĦRUFA WKOLL BĦALA TAL-VITORJA) FIL-KASTELL SANT' ANĠLU, BIRGU

Għalkemm jingħad li din il-kappella twaqqfet mill-Konti Ruġġieru meta wasal fi xtutna, hemm storiċi oħra li ma jaqblux. Il-knisja ġiet imbierka mill-Isqof Gaultieri bħala l-ewwel parroċċa għan-nies tal-Kastell. Fl'1409 ir-Reġina Bianca ta' Sqallija kienet tat din il-knisja lil Kanonku Malti Dun Ruġġieru Segona biex jieħu ħsiebha.

Meta l-Ordni ta' San Ġwann ħa l-pussess tal-Kastell, din il-knisja xorta baqgħet taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Isqof, bl-Arċipriet tal-Birgu r-rappreżentant tiegħu. Il-wasla tal-Ingliżi fissret li dawn ħadu wkoll il-Kastell taħt idejhom. Imma xorta waħda n-nies tal-Birgu baqgħu jgawdu d-dritt li fis-7 u t-8 ta' Settembru ta' kull sena jidħlu biex jiffesteġġaw il-Jum tar-Rebħa ta' Malta nhar it-Twelid ta' Marija.





faċċata

Fl'14 ta' Ġunju 1940, il-knisja ntlaqtet minn bomba u ġġarfet. Ġiet restawrata fis-sena 1955, u reġgħu bdew isiru mill-ġdid il-funzjonijiet ta' qabel.

Fl-antik il-knisja kellha altar wieħed u mal-faċċata kien hemm kwadru ta' Sant'Anna b'Marija ċkejkna f'idejha. Dan il-kwadru kien ittieħed fil-mużew tal-Kolleġjata u meta tnaddaf dehret is-sena 1462. Kien intilef u fis-sena 1955 il-Kavallier Rafel Bonnici Calì għamel kopja tiegħu. Iż-żewġ altari tal-ġnub kienu ġew miżjuda fi żmien il-Kastellani De Nava. Wieħed iddedikat lil Sant'Anġlu, Martri ta' Licata (il-protettur tal-Kastell) u l-ieħor iddedikat lil Santa Barbara (il-protettriċi tal-bumbardieri).



***Kappella mħaffra fil-blat***

Din il-knisja hija ċkejkna, twila xi 5 metri u wiegħsa xi 4 metri. Għalkemm ta' stil sempliċi, il-Gran Mastru De Redin fl-1658 kien żejjinha b'xi pilastri ta' stil Korintu. L-altari tal-ġnub huma f'għamla ta' "*arcoselium*" (ie mdaħħla f'arkata bħal dawk li naraw f'katakombi Rumani). Kien hemm żewġ kwadri żgħar, wieħed iddedikat lil San Pawl u l-ieħor lil San Ġwann. Kienu saru fl-1670.







***Il-Madonna tal-Gandlora***

Għal bosta snin, kienet meqjuma b'venerazzjoni kbira mill-poplu x-xbieha għażiża tal-Madonna magħrufa bħala taċ-"Ċerajwola" (tal-Kandlora). Billi bosta kienu dawk li spiss kienu jinvistaw lil Madonna, dan il-kwadru ttieħed fil-Parroċċa ta' San Lawrenz. Fl-1530, meta l-knisja ta' San Lawrenz ittieħdet mill-Ordni, il-kappillan ħa dan il-kwadru fil-knisja tal-Lunzjata. Il-kwadru kien ġie meqrud fil-gwerra u floku saret kopja tiegħu. B'din ix-xbieha ta' kull sena ssir il-festa tal-Vitorja fil-Birgu mill-Patrijiet Dumnikani.




**It-titular ta' Rafel Bonniċi Calì**

Illum il-kappella tinsab miżmuma tajjeb ħafna u ċ-ċavetta tagħha tinżamm bi dritt għand l-Arċipriet tal-Birgu bħala r-rappreżentant tal-Arċisqof, għalkemm din il-parti tal-Kastell illum hija f'idejn il-Gvern Malti, immexxija minn Heritage Malta.

*Informazzjoni meħuda mis-sit www.kappellimaltin.com*

*Ritratti: N Gingell, u Internet*

# IL-KAPPELLA TA' SANT' ANNA, KASTELL SANT' ANĠLU, BIRGU



Fuq l-għola sur tal-forti Sant Anġlu, insibu il-kappella ta' Sant Anna tħares fuq il-Port il-Kbir. Taħt salib bi tmien ponot, tal-ġebel, hemm kampnar żgħir. Imbagħad hemm gwarniċun mad-dawra kollha. Fuq il-faċċata hemm okulus ovali u taħtu, mżejjen bi gwarniċ fil-ġebla, hemm bieb b-arkata nofs tond. Fuq ix-xellug, u aktar irtirata, hemm faċċata oħra li għandha tieqa b'arkata nofs tond. Jidher (anke minn ġewwa) li din kienet parti mill-kappella li kien hemm qabel u li ġiet miżmuma u nkorporata mal-kappella rettangolari li bnew il-Kavallieri.

F'tarf il-pjazza bejn il-faċċata tal-kappella u s-sur hemm statwa ta' San Ġwann il-Battista. In-naħa ta' wara hemm taraġ li jniżżlek fi kripta li fuqha hija mibnija l-kappella. Ta' min isemmi li l-ewwel erba' Granmastri li mietu Malta kienu midfunin f'din il-kripta. Il-fdalijiet tagħhom baqgħu jinżammu hemm sakemm l-Ordni stabbiliet ruħha fil-Belt Valletta. Taħt il-kripta hemm sala oħra li fiha bokka fonda. Hemm x'juri li kienet tintuża bħala kannierja.





Kif semmejna, minn ġewwa l-kappella tippreżentalna forma mhux tas-soltu. Naraw ambjent wieħed magħmul minn żewġ spazji rettangolari ta' qisien differenti jmissu ma' xulxin. Ħarsa lejn is-soqfa turina li l-ispazju żżgħir huwa stil Sikulo Normann, tista' tgħid Gotiku, waqt li l-ispazju prinċipali jixbaħ dak li kienu jibnu aktar tard il-Kavallieri. Bejn l-ispazji hemm kolonna tal-granit aħmar mill-Eġittu. Probabbli li din hija dak li fadal mit-tempju ta' Juno li kien mibni fuq dan is-sit fl-antikita.



Jekk wieħed ma jqisx l-arkitettura, il-kappella ma tantx fiha tiżjin. Fuq l-artal prinċipali hemm riliev fl-injam juri lil Sant Anna terfa' lil Madonna tifla. Mat-tlett ħitan tal-parti l-qadima hemm żewġ altari tal-injam faċċata ta' xulxin. Fuq wieħed hemm kurċifiss u fuq l-ieħor statwa ta' Sant Anna bil-Madonna f'ħoġorha. Fuq it-tielet ħajt hemm lapida li tfakkar lil L'Isle Adam. Ma' dan il-ħajt hemm statwi tal-injam li jirrappreżentaw lil San Ġwann Battista u San Ġiljan. Fuq il-bieb hemm ritratt (Sant Anna u l- Madonna bil-bambin) fuq tila, ta' pittura ta' Stefano Erardi li tinstab ir- Rabat.

Wara li telqu l-Kavallieri, il-kappella ntużat fost oħrajn bħala maħżen, skola u kappella Anglikana. Wara l-gwerra reġgħet bdiet tintuża mill-Kattoliċi. Meta telqu l-Ingliżi ingħalqet. Fl-1998 l-Ordni ngħatat sovranita limitata fuq il-parti ta' fuq tal-kastell Sant Anġlu. Dan jinkludi ukoll il-kappella. Il-pubbliku jista' jżur il- kappella fit-8 ta'Settembru u fis-26 ta' Lulju.

Il-kappella tinstab fi stat tajjeb ħafna grazzi għar-restawr li seħħ madwar il-forti kollu permezz ta' interess u fondi minn diversi NGOs u benefatturi.



*Dettalji meħuda mill-ktieb The Fortifications of Malta, awtur Dr Stephen C Spiteri, maħruġ mid-ditta BDL Publishing u Internet.*

*Ritratti: Dr S C Spiteri, u Internet*